Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,382, 3 ta' April, 2020

Taqsima B

A.L. 129 tal-2020

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2020 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Arts in Media and Communications – M.A. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Midja u x-Xjenzi tal-Għarfien

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Midja u x-Xjenzi tal-Għarfien bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(c) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2020 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Arts in Media and Communications – M.A. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Midja u x-Xjenzi tal-Għarfien.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor –

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultà tal-Midja u x-Xjenzi tal-Għarfien;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Master of Arts in Media and Communications – M.A.;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-grad ta' Master of Arts in Media and Communications – M.A.;

"il-Postgraduate Diploma" tfisser il-Postgraduate Diploma in Media and Communications – P.G. Dip.; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2020 jew wara.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. (1) Suġġett għall-kundizzjonijiet imniżżla fl-ordinament 4, il-Kors ikun miftuħ għall-applikanti li għandhom waħda minn dawn il-kwalifiki:

(a) grad ta' Bachelor miksub fit-Tieni Klassi bl-Unuri jew aħjar fil-Komunikazzjoni jew f'qasam ta' studju relatat mill-qrib meqjus xieraq mill-Bord; jew

(b) grad ta' Bachelor fil-Komunikazzjoni jew f'qasam ta' studju relatat mill-qrib meqjus xieraq mill-Bord, b'marka medja ta' mhux anqas minn 65% f'dak il-qasam ta' studju; jew

(ċ) grad minn din jew minn università oħra li l-Bord iqis li huwa komparabbli għal xi wieħed mill-gradi indikati fil-paragrafi (a) u (b).

(2) Il-Bord jista' jikkunsidra applikanti li għandhom kwalifiki oħra jekk dawn jippreżentaw xogħol riċenti kkonfermat li kien magħmul minnhom u li jkun relatat mal-qasam ta' studju li huma applikaw għalih għas-sodisfazzjon tal-Bord.

(3) Id-dħul tal-applikanti jista' jkun kondizzjonalment skont ir-riżultat ta' intervista mmexxija minn bord tal-intervisti magħmul għall-anqas minn tliet membri, maħtur mill-Bord għal dan il-għan.

(4) Il-Bord għandu jirrakkomanda lis-Senat l-għadd ta' applikanti li jistgħu jitħallew jirreġistraw għall-Kors, skont ir-riżorsi disponibbli. Il-Bord għandu jħabbar l-għadd ta' postijiet disponibbli fiż-żmien tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

(5) Meta l-għadd ta' postijiet ikun ristrett u l-għadd ta' applikanti eliġibbli jaqbeż in-numru ta' postijiet disponibbli, l-applikanti jiġu magħżula skont il-kriterji li ġejjin, li l-piż tagħhom ikun ippubblikat fiż-żmien tas-sejħa għall-applikazzjonijiet:

(a) t-tip u l-klassifikazzjoni tal-grad;
(b) l-esperjenza fil-qasam tal-istudju propost; u
(c) il-livell milħuq waqt l-intervista.

(6) Għall-għan tal-għażla, l-applikanti li l-kwalifiki tagħhom kif stipulat fil-paragrafi (1) u (2) ta' dan l-ordinament kienu miksuba sal-31 ta' Awwissu qabel il-bidu tal-Kors jiġu kkunsidrati l-ewwel.

Il-Programm Preparatorju

4. (1) L-applikanti li japplikaw skont is-sotto-paragrafi (b) u (ċ) tal-paragrafu (1) u skont il-paragrafu (2) tal-ordinament 3 jistgħu jkunu meħtieġa jsegwu programm preparatorju, li jikkonsisti minn mhux anqas minn 30 u mhux aktar minn 60 krettu ECTS, kif dirett mill-Bord, b'marka medja ta' 55% jew aħjar qabel ir-reġistrazzjoni bħala studenti regolari fil-Kors.

(2) Il-Bord jista' jagħti lill-applikanti eżenzjoni sħiħa jew parzjali mir-rekwizit tal-programm preparatorju jekk huwa jkun sodisfatt li huma għandhom esperjenza ta' xogħol miksuba wara l-grad tal-ewwel ċiklu li tippreparahom b'mod xieraq għall-Kors.

It-Tul tal-Kors

5. Il-Kors għandu jinfirex fuq sitt semestri ta' studju fuq bażi *part-time*.

Il-Programm ta' Studju

6. (1) Il-programm ta' studju jikkonsisti minn taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati total ta' 120 krettu ECTS, li minnhom 55 krettu ECTS huma assenjati għal taqsimiet studju mgħallma, 5 kretti ECTS għat-taqsima studju ta' *placement*, 10 kretti ECTS għal żewġ sessjonijiet ta' *mentored practice*, u 50 krettu ECTS assenjati għat-taqsima studju tad-dissertazzjoni jew tal-proġett prattiku.

(2) L-istudenti li jiksbu s-60 krettu ECTS assenjati għat-taqsimiet studju mgħallma u għall-*placement* b'marka medja ta' mill-anqas 50% u ma jkomplux il-Kors, jew wara li komplew ma jkunux spiċċaw b'suċċess is-sessjonijiet prattiċi, id-dissertazzjoni jew il-proġett, ikunu eliġibbli għall-għoti tal-Postgraduate Diploma.

(3) L-istudenti jkunu eliġibbli għall-għoti tal-Grad jekk jiksbu l-120 krettu ECTS kif spjegat fil-programm ta' studju għall-Kors b'marka medja ta' mill-anqas 50%.

(4) Il-programm ta' studju għandu jkun ippubblikat mill-Bord wara l-approvazzjoni tas-Senat, normalment mhux anqas minn tmien xhur qabel il-bidu tal-Kors.

Il-Valutazzjoni u l-Progress

7. (1) Il-valutazzjoni ta' kull taqsima studju mgħallma għandha tkun kompluta sal-aħħar tas-semestru li fih ikun sar it-tagħlim tat-taqsima studju.

(2) Dawk l-istudenti li jeħlu fil-valutazzjoni ta' mhux aktar minn 10 kretti ECTS għal taqsimiet studju jingħataw l-opportunità li jagħmlu mill-ġdid

il-valutazzjonijiet li weħlu minnhom. L-istudenti jitħallew joqogħdu mill-ġdid għat-taqsimiet studju mgħallma li weħlu fihom matul is-sessjoni tal-eżamijiet supplimentari ta' Settembru u li jagħmlu mill-ġdid it-taqsima studju tal-*placement* u/jew jissottomettu mill-ġdid l-istudju indipendenti u/jew xogħol ta' proġett sa mhux aktar tard mit-tmiem tas-sessjoni tal-eżamijiet supplimentari ta' Settembru.

(3) L-istudenti li jeħlu f'aktar mill-għadd ta' kretti permess skont il-paragrafu (2) ta' dan l-ordinament, jew l-istudenti li wara valutazzjoni mill-ġdid ma jiksbux il-kretti għal xi taqsima studju, jkunu meqjusa li weħlu mill-Kors.

Il-*Placement*

8. (1) Matul it-tieni sena tal-Kors, l-istudenti huma meħtieġa jagħmlu *placement* fil-qasam li huma jagħżlu biex jispeċjalizzaw fih matul it-tieni u t-tielet sena tal-Kors. L-istudenti jkunu gwidati minn *mentor* approvat li għandu jissottometti lill-Bord rapport fl-aħħar tal-perijodu tal-*placement*.

(2) Qabel ma jagħmlu l-*placement*, l-istudenti huma meħtieġa jissottomettu lill-Bord għall-approvazzjoni sad-data indikata minnu, proposta bil-miktub u iffirmata mill-*placement mentor*.

(3) Fl-aħħar tal-*placement*, l-istudenti huma meħtieġa jissottomettu *task-analytical essay* skont il-linji gwida maħruġin mill-Bord.

Il-*Mentored Practice*

9. (1) F'kull wieħed miż-żewġ semestri tat-tielet sena tal-Kors, l-istudenti huma meħtieġa jieħdu sehem fi proġett ta' *mentored practice* immirat lejn il-qasam ta' speċjalizzazzjoni magħżul minnhom, fejn jagħmlu studju indipendenti u/jew xogħol ta' proġett taħt il-gwida ta' *mentor* approvat, li għandu jissottometti lill-Bord rapport fl-aħħar tal-perijodu tal-*mentored practice*.

(2) L-istudenti huma meħtieġa jissottomettu rapport finali dwar l-esperjenza u l-ħiliet miksuba matul il-*mentored practice*.

Id-Dissertazzjoni/Il-Proġett

10. (1) L-istudenti huma meħtieġa jippreżentaw dissertazzjoni individwali ta' 25,000 kelma, jew proġett prattiku flimkien ma' komponent miktub ta' bejn it-12,000 u l-15,000 kelma, skont il-linji gwida maħruġin mill-Bord.

(2) Ix-xogħol fuq id-dissertazzjoni jew fuq il-proġett għandu jibda matul ir-raba' semestru tal-Kors. Kull student ikun assenjat superviżur li għandu jipprovdi gwida u pariri fuq bażi regolari matul il-perijodu ta' studju.

(3) It-titlu provviżorju tad-dissertazzjoni jew it-tema tal-proġett, u proposta ta' riċerka dettaljata għandhom ikunu ppreżentati lill-Bord għall-approvazzjoni sat-tmiem tat-tielet semestru.

11. (1) L-istudenti jkunu meħtieġa jżommu kuntatt regolari mas-superviżur tagħhom.

(2) Is-superviżuri għandhom jibgħatu lill-Bord rapporti dwar il-progress ta' kull student taħt is-superviżjoni tagħhom fit-tmiem ta' kull semestru. Dawn ir-rapporti jistgħu jinkludu rakkomandazzjoni li jew (a) jittawwal il-perijodu ta' studju biex l-istudent ikun jista' jtemm id-dissertazzjoni jew il-proġett; jew (b) jintemmu l-istudji qabel il-waqt jekk is-superviżur jidhirlu li dan huwa xieraq fiċ-ċirkostanzi, sakemm li:

(i) l-estensjoni tal-perijodu ta' studju msemmija f'(a) tkun skont il-provvedimenti tar-Regolamenti Prinċipali; u

(ii) il-Bord ma jistax itemm l-istudji qabel il-waqt skont (b) jekk qabel ma jkunx ta opportunità lill-istudent biex jiddefendi l-każ tiegħu.

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximenti

12. Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-iskop tal-klassifikazzjoni tal-Postgraduate Diploma u tal-Grad għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba fil-komponenti kollha tal-programm ta' studju, bil-kretti kollha jingħataw piż indaqs.

It-Tħassir

13. L-Ordinamenti tal-2018 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Arts in Media and Communications – M.A. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Midja u x-Xjenzi tal-Għarfien, ippubblikati bħala Avviż Legali 370 tal-2018, għandhom jitqiesu li spiċċaw mill-1 ta' Ottubru 2020, iżda l-istudenti rreġistrati għal dan il-kors qabel l-1 ta' Ottubru 2020 għandhom ikomplu jkunu regolati mill-ordinamenti li kienu jgħoddu fiż-żmien meta daħlu fil-kors.